MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1306/1991/1

**Avukat Dottor Ronald D Cuschieri**

**vs**

**Albert Zammit ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Gazelle Couriers Limited u Albert Zammit, Patrick Dato Mallia, Mohammed El Busefi u Roger DeGaetano ilkoll diretturi tas-socjeta Gazelle Couriers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa azzjonista fis-socjeta Gazelle Couriers Limited billi jippossjedi 1250 azzjoni “A” ordinarji u dan kif

jirrizulta mix-“Share transfer” li kopja tieghu qedha tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Illi l-attur huwa wkoll direttur u chairman tas-socjeta Gazelle Couriers Limited bhala direttur kif jirrizulta mill-Istatut tas-socjeta konvenuta u kif sussegwentement konfermat b’ rizultat tat-trasferiment tal-azzjoni fuq riferit u bhala Chairman in segwitu ghar-rizenja tal-Kavallier Anthony Zammit minn direttur u chairman liema rizenja giet konfermata fl-ahhar laqgha tal-Bord tad-Diretturi;

Illi fl-1 ta’ Novembru 1991 permezz ta’ Avviz Form K saru kambjamenti f’dik li hija komposizzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta Gazelle Couriers Limited u dan billi l-Kavallier Anthony Zammit irrezenja minn direttur, l-attur gie imnehhi, Mohammed El Busefi gie appuntat Chairman u Albert Zammit u Patrick Dato Mallia gew appuntati diretturi; sabiex issa l-Bord tad-diretturi tas-socjeta Gazelle Couriers Limited huwa kompost minn Mohammed El Busefi bhala direttur u Chairman u Roger Degeatano direttur ghall-azzjonisti “B” u Albert Zammit bhala direttur u Patrick Dato Mallia bhala direttur ghall-azzjonisti “A”;

Illi t-tnehhija tal-attur ma saritx ghat-tenur tal-Artikolu 123 tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali liema Artikolu japplika u jrid jigi segwit indipendentement minn dak li jistipula l-istatut tas-socjeta;

Illi di piu “l-hatra” ta’ Patrick Dato Mallia ma hijiex hatra valida stante illi dan ‘l hekk imsejjah direttur – li suppost gie mahtur mill-Azzjonisti tal-Klassi A – irid jigi mahtur mill-attur in virtu tal-fatt illi l-istess attur huwa l-proprjetarju ta’ hamsin fil-mija mill-azzjonijiet “A” ordinarji fis-socjeta konvenuta u ghalhekk bi dritt li jappunta direttur huwa skond Klawsola 8 tal-Istatut tas-socjeta – kopja ta’ liema qedha tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B – liema dritt pero ma giex esercitat stante illi l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia saret minghajr l-kunsens u partecipazzjoni tal-attur kif jigi ppruvat f’ aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk sabiex tigi regolarizzata l-kompozizzjoni tal-Bord tad-Diretturi ghat-termini tal-ligi u tal-Istatut tas-socjeta trid tigi ordnata kemm ir-revoka tal-att ta’ tnehhija tal-hatra ta’ Patrick Dato Mallia;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m’ ghandhiex:

1. tiddikjara t-tnehhija tal-attur kif maghmula bhala illegali u kontra l-ligi;

2. tiddikjara illi l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia hija ukoll irregolari ghad illi ma gietx maghmula ghat-tenur tal-istatut tas-socjeta konvenuta li jvesti dritt ta’ hatra ta’ dan id-direttur fl-attur;

3. tordna ir-revoka tat-tnehhija tal-attur kif maghmula; u

4. tordna ir-revoka tal-hatra ta’ Patrick Dato Mallia kif maghmula;

B’rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ta’ danni spettanti lill-attur;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tal-konvenut Roger DeGaetano fejn gie eccepit :

1. Illi id-domandi tal-attur ma jistghux issehhu fil-konfront tal-eccipjent ghar-raguni li huwa kien irrizenja bhala direttur tas-socjeta Gazelle Couriers Limited kif jirrisulta wkoll mill-kopja Dok “X” tal-ittra tal-24 ta’ Jannar, 1990. Ghalhekk in kwantu diretta kontra tieghu l-azzjoni hija insostenibbli u l-eccipjent ghandu konsegwentement jigi mehlus mill-osservanza tal-giudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Roger DeGaetano debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Zammit fejn gie eccepit :-

Illi id-domandi ta' l-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, preliminarjament peress illi l-eccipjent (qua "direttur" – kif citat – tal-kumpanija Gazelle Couriers Limited) m' ghandux relazzjoni guridika ma l-attur u allura ghnadu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lwog, u minghajr pregudizji ghas-suespost, l-attur m' huwiex azzjonista fis-socjeta';

Fit-tielet lwog, u minghajr pregudizu ghas-suespost, l-atti kollha li minnhom ilmenta l-attur saru skond il-ligi, u anke ghalhekk it-talbiet ta' l-attur, ghandhom jigu michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Albert Zammit debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Zammit ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta konvenuta Gazelle Couriers Limited fejn gie eccepit :-

Illi id-domandi ta' l-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, preliminarjament peress illi l-eccipjent wahdu m' ghandux ir-rappresentanza ta' Gazelle Couriers Limited, u allura ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lwog, u minghajr pregudizju ghas-suespost, l-attur m' huwiex azzjonista fis-socjeta';

Fit-tielet lwog, u minghajr pregudizu ghas-suespost, l-atti kollha li minnhom ilmenta l-attur saru skond il-ligi, u anke ghalhekk it-talbiet ta' l-attur, ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjrazzjoni tal-konvenut Albert Zammit nomine debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mohammed El Busefi fejn gie ecepit :-

Illi id-domandi ta' l-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, preliminarjament peress illi l-eccipjent wahdu m' ghandux ir-rappresentanza ta' Gazelle Couriers Limited, u allura ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lwog, u minghajr pregudizji ghas-suespost, l-attur m' huwiex azzjonista fis-socjeta';

Fit-tielet lwog, u minghajr pregudizu ghas-suespost, l-atti kollha li minnhom ilmenta l-attur saru skond il-ligi, u anke ghalhekk it-talbiet ta' l-attur, ghandhom jigu michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Mohammed El Busefi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Patrick Dato Mallia fejn gie eccepit :-

Illi id-domandi ta' l-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, preliminarjament peress illi l-eccipjent wahdu m' ghandux ir-rappresentanza ta' Gazelle Couriers Limited, u allura ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lwog, u minghajr pregudizji ghas-suespost, l-attur m' huwiex azzjonista fis-socjeta';

Fit-tielet lwog, u minghajr pregudizu ghas-suespost, l-atti kollha li minnhom ilmenta l-attur saru skond il-ligi, u anke ghalhekk it-talbiet ta' l-attur, ghandhom jigu michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Patrick Dato Mallia debitment konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Marzu 1992 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Richard Camilleri bil-fakoltajiet kolha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Frar 1995 li bih gie sostitwit l-perit legali nominat u gie mahtur minnflok l-Avukat Dottor Marco Grixti bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Mejju 1997 li bih rega gie sostitwit il-perit legali nominat u gie mahtur minnflok l-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-abbli perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2003;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jippremetti li huwa jippossjedi 1250 azzjoni "A" ordinarji fis-socjeta Gazelle Couriers Limited. Jipprmetti ukoll li huwa direttur u chairman tal-istess socjeta. Huwa jokkupa l-kariga ta' chairman wara r-rizenja tal-Kavallier Anthony Zammit minn direttur u chairman. Din ir-rizenja giet konfermata mill-Bord tad-Diretturi. L-attur ikompli jippremetti li fl-1 ta' Novembru 1991 saru kambjamenti fil-komposizzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-imsemmija socjeta wara li l-imsemmi Kavallier Anthony Zammit irrezenja. L-

attur tnehha u l-konvenut Mohammed El Busefi gie appuntat Chairman. Il-konvenuti Albert Zammit u Patrick Dato Mallia gew appuntati diretturi.

L-attur isostni li ghalhekk il-Bord tad-Diretturi hu issa kompost minn Mohammed El Busefi bhala direttur u Chairman u Roger Degeatano direttur ghall-azzjonisti “B” u Albert Zammit bhala direttur u Patrick Dato Mallia bhala direttur ghall-azzjonisti “A”. L-attur sostni li t-tnehhija tieghu ma saritx ghat-tenur tal-artikolu 123 tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali, liema artikolu ghandu dejjem japplika indipendentement minn dak li jistipula l-istatut tas-socjeta. Inoltre jsostni li l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia mhux valida stante illi dan gie mahtur mill-Azzjonisti tal-Klassi A meta fil-fatt dan ghandu jigi mahtur mill-istess attur li hu l-proprjetarju ta’ hamsin fil-mija mill-azzjonijiet “A” ordinarji u konsegwentement bi dritt li jappunta direttur huwa skond klawsola 8 tal-Istatut tas-socjeta. L-attur jippremetti li dan id-dritt ma giex esercitat stante illi l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia saret minghajr l-kunsens u partecipazzjoni tal-attur. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li t-tnehhija tieghu hi llegali u kontra l-ligi, li jigi dikjarat li l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia hi irregolari stante li ma saritx skond l-istatut; li tigi revokata t-tnehhija tal-attur u li tigi revokata l-hatra ta’ Patrick Dato Mallia;

Il-konvenut Roger DeGaetano qed jeccepixxi li huwa kien irrizenja bhala direttur tas-socjeta in kwestjoni u konsegwentement ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-giudizzju;

Il-konvenut Albert Zammit qed jeccepixxi li huwa qua “direttur” tas-socjeta in kwestjoni m’ ghandux relazzjoni guridika ma l-attur. Jeccepixxi ukoll li l-attur mhux azzjonista fl-istess socjeta u li l-atti kollha li minnhom ilmenta l-attur saru skond il-ligi;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li Albert Zammit wahdu m’ ghandux ir-rappresentanza taghha. Teccepixxi ukoll li l-attur mhux azzjonista fis-socjeta’ u li kollox sar skond il-ligi;

Il-konvenut Mohammed El Busefi jeccepixxi li huwa wahdu m' ghandux ir-rappresentanza tas-socjeta in kwestjoni. Jeccepixxi ukoll li l-attur mhux azzjonista fis-socjeta' u li l-atti kollha saru skond il-ligi;

Il-konvenut Patrick Dato Mallia qed jeccepixxi li huwa wahdu m' ghandux ir-rappresentanza tas-socjeta in kwestjoni. Jeccepixxi ukoll li l-attur mhux azzjonista fis-socjeta' u li l-atti kollha saru skond il-ligi;

Fil-kors ta dawn il-proceduri gie nominat perit legali. L-abbli perit legali ppresenta r-relazzjoni tieghu fejn huwa esamina funditus il-provi kollha minnu migbura u fejn huwa dahal fid-dettal dwar il-kwestjonijiet kollha sollevati mill-partijiet. L-abbli perit legali kkonkluda li kien hemm il-ftehim bejn il-partijiet illi jsir it-trasferiment ta' 1250 azzjoni fis-socjeta Gazelle Couriers Limited minn E Zammit & Son Ltd lill-attur u li giet ukoll iffirmata t-transfer form u gew imhallsa l-bolol relativi. Din it-transfer form pero' qatt ma giet prezentata lir-Registratur. Inoltre dan it-trasferiment ta' azzjonijiet kien jinhtieglu l-awtorizazzjoni tal-Bank Centrali u mir-records tal-Bank Centrali ma rrizultax li din l-awtorizzazzjoni nghatat;

Inoltre l-perit legali konkluda li minhabba (i) in-nuqqas ta' prova li giet moghtija l-awtorizazzjoni necessarja mill-Bank Centrali biex seta' jigi effettwat legalment it-trasferiment ta' azzjonijiet in ezami; u (ii) in-nuqqas li dan it-trasferiment ta' azzjonijiet favur l-attur jigi debitament registrat mar-Registratur tas-Socjetajiet, ma jistax jinghad il l-attur kellu xi dritt ta' azzjonista fis-socjeta u liema dritt gie miksur. Ghalhkk l-attur ma kienx registrat bhala azzjonista tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk ukoll l-attur ma setghax jippartecipa fid-decizjonijiet spettanti lill-azzjonisti tas-socjeta, rigwardanti n-nomina w tnehhija ta' diretturi ta' l-istess socjeta;

Konsegwentement it-tieni u ir-raba domanda ta' l-attur ma jistghux jigu milqugha. Konsegwentement ukoll ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni numru tnejn (2) ta' kull wiehed mis-segwenti konvenuti, cioe Albert Zammit, is-socjeta

Gazelle Couriers Limited, Mohammed el Busefi u Patrick Dato Mallia;

Il-perit legali kkonkluda ukoll li t-tnehhija tal-attur minn direttur tal-kumpanija kienet illegali, u saret in vjolazzjoni tal-ligi. Konsegwentement l-ewwel u t-tielet talba ta’ l-attur huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha;

B’ hekk it-tielet eccezzjoni (identika f’kull kaz) ta’ kull wiehed mis-segwenti konvenuti, cioe Albert Zammit, Gazelle Couriers Limited, Mohammed el Busefi u Patrick Dato Mallia, ghandha tigi michuda;

Il-perit legali ukoll wasal ghal konkluzjoni li l-eccezzjonijiet kollha  tal-konvenut Roger DeGaetano ghandhom jigu akkolti u dana peress li jirrizulta li l-istess konvenut kien hareg ‘il barra mis-socjeta, ferm qabel ma ttiehdu id-decizjonijiet lamentati mill-attur fl-ewwel u t-tielet talba;

L-eccezzjoni numru wiehed tal-konvenuti Albert Zammit, Mohammed el Busefi, cioe illi kull wiehed minnhom gie mharrek bhala direttur u qua direttur ma ghandux relazzjoni guridika ma’ l-attur ma tistax tigi akkolta peress li qua diretturi huma kelhom ir-responsabilita li jaraw illi l-ligi tigi osservata mis-socjeta konvenuta. Huma kienu fid-dover li jassiguraw li l-attur jigi debitament informat bir-risoluzzjoni ta’ l-azzjonista li l-attur kien ser jitnehha mill-kariga u li jaraw li tigi moghtija lill-istess attur l-opportunita li jinstema fir-rigward tal-istess tnehhija tieghu minn direttur;

L-eccezzjoni numru wiehed tal-konvenut Patrick Dato Mallia ghandha tintlaqa’ billi hu ma kienx direttur tas-socjeta meta l-attur gie mnehhi minn direttur;

Barra minn hekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta trid tigi michuda. Dik il-parti ta’ l-istess eccezzjoni li tirreferi ghar-rapprezentanza tas-socjeta konvenuta giet sorvolata u sanata, tenut kont ta’ l-emendi li saru fil-ligi rilevanti fil-mori tal-kawza;

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dawn il-konkluzjonijiet tal-perit legali. Il-Qorti taqbel ma dawn l-istess konkluzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu adottati u tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill din il-Qorti tvarja, tbiddel jew tiskarta dawn l-istess konkluzjonijiet;

Dwar dak li gie sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ghandu jigi rilevat li hu minnu li m'hemmx ghalfejn li l-azzjonisti jaghtu raguni ghat-tnehhija ta' direttur minn dik il-kariga. Din it-tnejjiha pero' trid dejjem issir skond l-istatut u skond il-ligi. Il-kwestjoni hawn mhux jekk kienx hemm raguni gusta ghat-tnehhija ta' direttur. Il-kwestjoni hi jekk it-tnejjiha saritx b'mod regolari u legali u cioe' jekk saritx skond il-ligi. Inoltre ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward tat-tielet talba tal-attur. Mhux legalment sostenibbli dak li gie sottomess mill-konvenuti li jekk tigi akkolta l-istess tielet talba, l-Qorti tkun qed tissostitwixxi il-volonta' tal-azzjonisti b'imposizzjoni fuq l-istess azzjonisti. Il-kwestjoni hi li r-rimozzjoni tal-attur minn direttur ma saritx skond dak li tassattivament trid il-ligi u ghalhekk l-istess rimozzjoni hi irregolari u illegali u qisa qatt ma saret. Inoltre l-kwestjoni tirrigwarda t-tnejjiha tal-attur minn direttur u f'dan il-kuntest il-kwestjoni jekk l-attur huwiex azzjonista jew le tas-socjeta hi kwestjoni ghal kollox irrilevanti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Roger DeGaetano u tillibera lil-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju; billi fit-tieni lok tilqa l-eccezzjoni numru tnejn (2) ta' kull wiehed mill-konvenuti Albert Zammit, is-socjeta Gazelle Couriers Limited, Mohammed el Busefi u Patrick Dato Mallia; billi fit-tiellet lok tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Albert Zammit, Gazelle Couriers Limited, Mohammed el Busefi u Patrick Dato Mallia; billi fir-raba lok tichad l-eccezzjoni numru

wiehed tal-konvenuti Albert Zammit u Mohammed el Busefi; billi fil-hames lok tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Patrick Dato Mallia; billi fis-sitt lok tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dana pero' fis-sens li jinghad fil-korp ta' din is-sentenza; billi fis-seba lok tichad it-tieni u ir-raba domanda ta' l-attur u fit-tmien lok billi tilqa l-ewwel u t-tielet talba ta' l-attur u b'hekk tiddikjara illi it-tnehhija tal-attur minn direttur hija illegali u kontra il-ligi u tordna ir-revoka tat-tnehhija tal-attur kif maghmula;

Spejjez kollha jithallsu kwantu ghan-nofs mill-attur u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti kollha, b'dan illi l-ispejjez relattivi ghal-konvebnut DeGiorgio ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------